# Il-Ħadd 25.08.2019

1. **<u>Illum 25/08 - JUM IL-FESTA</u>**
   Naturalment nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Ippermettuli ħsiebi jmur ukoll llum għal dawk li għandhom xi familjari morda kemm fid-djar u kemm fl-isptarijiet, fl-emigranti, u f'dawk li huma l-ħabs. Wasslu t-tislijiet tiegħi lil dawn ħutna kollha, u lill-familjari tagħhom.

   | | |
   |---|---|
   | Fis-6:45am | Quddiesa ċċelebrata minn Patri Victor Paul Farrugia O. Carm. |
   | Fid-9:00am | Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof Emeritu, li jinseġ ukoll il-Paniġierku. |
   | Fis-6:00pm | Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Kan. David Farrugia, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. |
   | Fis-7:15pm | Tibda l-Purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl. Imexxi r-Rev. Kan. Andrew Schembri, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, u Viċi tal-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħat-Attard. |
   | Fl-10:30pm | Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali,<br>u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja.<br>Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.<br>Iċ-Ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-Innu ta' San Pawl u bil-bews tar-Relikwa. |

   - Infakkarkom:
     - fil-***bukkett li ma jinxifx***, kif tistgħu taraw fuq noticeboard apposta, jiġifieri li minflokk fjuri tingħata offerta li din is-sena ser tmur b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr li għaddejjin bħalissa u li qed nippjanaw.
     - li matul il-purċissjoni m'għandhux jinħaraq logħob tan-nar u lanqas jintefgħu karti, biex nevitaw kull periklu u ħsara kemm għan-nies u kemm għall-istatwa u l-pedestall. Nużaw l-għaqal u l-galbu!
     - li qed nagħmlu lotterija ta' nkwadru kbir ta' San Pawl biex waqt li min jirbħu jkollu rikordju xieraq ta' din il-festa, inkomplu ntaffu l-ispejjeż tal-festa. Grazzi.

2. It-Tnejn 26/08:
   - Ikollna bżonn ħafna għajnuna kemm fiż-żarmar u kemm fit-tindif tal-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru.

3. Il-Ħamis 05/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Biljetti mingħand il-helpers.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 350 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1,925 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa;

   Grazzi.